GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH
RESEARCH AND INNOVATION
DIRECTORATE FOR DIGITAL LITERACY AND TRANSVERSAL SKILLS

one tablet/child

EU funds for Malta 2014-2020

# ITTRA ĊIRKOLARI

**Data: 16 ta' Ġunju 2022** **Ref: DDLTS 19/2022**

**Lil: Il-Kapijiet kollha tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja)**

**Minn: Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali (DDLTS)**

**Suġġett: Ekosistema Diġitali għall-Iżvilupp tal-Ħiliet tas-Seklu 21 għal studenti fl-1 sa 6 Sena fl-iskejjel Statali u Mhux Statali**

---

Id-Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali (DDLTS) se jkun qed iniedi Ekosistema Diġitali għall-Iżvilupp tal-Ħiliet tas-Seklu 21 għall-istudenti fl-1 sa 6 sena fl-iskejjel Statali u Mhux Statali, bħala parti mill-ESF.03.059 – Proġett *One Tablet Per Child*, li se jibda mill-bidu tas-Sena Skolastika 2022/2023.

Din is-sistema edukattiva onlajn se toffri sett ta' applikazzjonijiet lill-istudenti tal-iskola primarja biex jiżviluppaw ħiliet tas-seklu 21, filwaqt li jinteraġixxu u jikkollaboraw f'ambjent ta' tagħlim sikur għat-tfal. Is-sistema se tippermetti lill-istudenti joħolqu kontenut diġitali fl-oqsma kurrikulari kollha. Din l-attività timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) biex jinvesti f'ħiliet u kompetenzi diġitali bażiċi minn età bikrija, partikolarment il-litteriżmu diġitali. Barra minn hekk, l-iskejjel/l-edukaturi interessati se jirċievu t-taħriġ biex jagħmlu l-aħjar użu minn din l-esperjenza ta' tagħlim.

Il-Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti interessati li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva huma ġentilment mitluba **jinnominaw Persuna ta' Kuntatt** biex tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni ta' din l-inizjattiva. Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-persuna ta' kuntatt fuq: https://forms.office.com/r/HYdrknySuC **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2022**.

Aktar informazzjoni tiġi kkomunikata lill-persuni ta' kuntatt fil-futur qarib. Jekk tixtieq tista' taċċessa l-Preżentazzjoni mehmuża b'iktar tagħrif.

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali**

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds